# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-24 t'April, 2018.**

**Rikors Numru 312/2016**

**Louis Camilleri (I.D. 623232 M)**
**u martu Maria Camilleri (K.I. 268045 M)**

**vs.**

**Pauline Farrugia (K.I. 0250664 M) u**
**zewgha John Farrugia (K.I. 0098257 M)**
**ghal kull interess li jista' jkollu**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-18 t'April, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi huma proprjetarji ta’ porzjon art diviza imsejha Ta’ Mrejnu, fi Triq Ghajn Tuffiegha, limiti tal-Imgarr, kif hemm deskritta, (ara foll 5);

1.2. Illi l-intimata hi proprjetarja ta’ porzjon art diviza ohra fl-istess triq indikata fil-paragrafu precedenti u accessibbli mill-istess triq u dan, in forza ta’ kuntratt ta’ donazzjoni *in atti* tan-Nutar Dottor Nicolette Vella datat iz-17 ta’ Marzu, 2011, (ara foll 8);

1.3. Illi l-awturi tat-titolu kontendenti kienu akkwistaw iz-zewg (2) porzjonijiet art in dizamina kontigwi ghal xulxin permezz ta’ att ta’ divizjoni *in atti* tan-Nutar Dottor Angelo Vella datat il-25 ta’ Gunju, 1994, (ara foll 16);

1.4. Illi l-att ta’ divizjoni indikat fil-paragrafu precedenti kien sar fuq pjan ta’ divizjoni mhejji mill-perit Lawrence Gatt wara s-sentenza tal-**Prim’Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Luigi Camilleri *nomine et* vs. Maria Gatt**, datata l-**4 ta’ Gunju, 1993**, (ara foll 43);

1.5. Illi:

1.5.1. Kemm fil-kuntratt ta’ divizjoni tal-25 ta’ Gunju, 1994, *in atti* tan-Nutar Dottor Angelo Vella fuq riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt tlieta, (1.3.), aktar qabel), u

1.5.2. Kemm fil-kuntratt ta’ donazzjoni *in atti* tan-Nutar Dottor Nicolette Vella datat iz-17 ta’ Marzu, 2011, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

dejjem saret referenza ghall-istess pjanta redatta mill-perit arkitett Lawrence Gatt fuq gia` riferit, (ara paragrafu numru wiehed punt erbgha, (1.4.), aktar qabel);

1.6. Illi konsegwentement il-*plots* 4,5, u 6 in dizamina kollha huma indikati bhala tal-kejl ta’ tlieta u hamsin (53) qasba kwadra il-wahda, (ara foll 7, 14, 15 u 57);

1.7. Illi t-taqsim tal-kejl tal-porzjonijiet art in dizamina hu wkoll evidenti mill-applikazzjoni kongunta ghall-izvilupp tal-istess plottijiet, (ara foll 58 sa 62);

1.8. Illi skont l-applikazzjoni numru PA/01258/13 datata is-6 ta' Mejju, 2013, jirrizulta li l-intimati riedu jillimitaw l-izvilupp b'mod li ma jinvadux il-proprjeta` tar-rikorrenti, (ara foll 63), liema applikazzjoni originarjament kienet respinta izda sussegwentement approvata, (ara foll 2);

1.9. Illi minkejja s-suespost l-intimati inizjaw xoghol ta' thammil u ta' skavar fil-proprjeta` tar-rikorrenti, u b'hekk:

1.9.1. Mhux biss illedew id-drittijiet tar-rikorrenti, izda

1.9.2. Ivvjolaw il-limiti tal-permess mahrug fuq l-applikazzjoni taghhom kif rilaxxat mill-awtorita` kompetenti, (ara foll 65);

1.10. Illi ghalkemm din il-vjolazzjoni ingiebet a konjizzjoni tal-intimati permezz t'ittra datata s-7 ta' Dicembru, 2015, (ara foll 2), dawn injoraw l-istess intimazzjoni, (ara wkoll foll 66);

1.11. Illi permezz tad-digriet taghha diversament preseduta, datat it-30 ta' Marzu, 2016, l-istess qorti odjerna laqghet it-talba tar-rikorrenti odjerni ghall-hrug ta' mandat t'inibizzjoni definittiv fir-rigward, (ara foll 70);

1.12. Illi in konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti kienu kostretti jadixxu din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.12.1. Tiddikjara li r-rikorrenti huma proprjetarji ta' porzjon diviza mill-art, (plot Numru 5), Ta' Mrejnu, fi Triq Ghajn Tuffieha, limiti tal-Imgarr, tal-kejl ta' madwar 53 qasba kwadra kif fuq indikata;

1.12.2. Tiddikjara li l-intimati m'ghandhom l-ebda jedd jinvadu l-proprjeta` tar-rikorrenti in

dizamina u m'ghandhom l-ebda dritt jaghmlu kwalsiasi xogholijiet fosthom skavar u/jew kostruzzjoni fl-istess proprjeta`;

1.12.3. Tordna s-segregazzjoni u l-istabbiliment ta' konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi in dizamina, okkorrendo permezz ta' periti *nominandi*, u dan, permezz ta' marki u sinjali permanenti skont il-ligi;

1.12.4. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur;

2. Rat id-digriet taghha datat l-20 t'April, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata, (ara foll 80);

3.0. Rat ir-risposta tal-intimati datata l-11 ta' Mejju, 2016, li permezz taghha sintetikament irrispondew is-segwenti, (ara foll 87):

3.1. Illi hu minnu li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-art maghrufa bhala Ta' Mrejnu, Triq Ghajn Tuffieha limiti tal-Imgarr, senjatament il-*plot* Numru 5;

3.2. Illi mhux minnu li l-art *de quo* hi tal-kejl ta' 53 qasba kwadra izda hi ferm icken;

3.3. Illi omm l-intimata kienet akkwistat il-plot Numru 4 b'assenjazzjoni *ai termini* tal-kuntratt datat il-25 ta' Gunju, 1994, *in atti* tan-Nutar Dottor Angelo Vella, (ara foll 16 u 90);

3.4. Illi ghalhekk ma jistax jirrizulta li l-intimati invadew il-porzjon art tar-rikorrenti *stante* li ghandhom dritt jizviluppaw l-art appartenenti lillhom;

3.5. Illi l-plotijiet Numru 5 u 4 rispettivament tal-kontendenti kif fuq indikat huma debitament indikati fl-imsemmi kuntratt datat il-25 ta' Gunju, 1994, u konsegwentement, it-tielet (3) talba tar-rikorrenti ghandha tigi respinta;

3.6. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti;

3.7. Salv risposti ulterjuri;

4. Rat id-digriet taghha datat il-15 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, appuntat lill-espert tekniku hemm indikata biex tidentifika bi precizjoni l-porzjonijiet tal-art mertu tal-kawza odjerna, (ara foll 120);

5. Rat id-digriet ulterjuri taghha datat it-18 ta' Novembru, 2016, li permezz tieghu, wara rikors kongunt tal-kontendenti datat il-15 ta' Novembru, 2016, awtorizzat li l-atti tal-mandat t'inibizzjoni Numru 325/2016 deciz minn din l-istess qorti diversament preseduta fit-30 ta' Marzu, 2016, jigu allegati mall-atti odjerni, (ara foll 132 u 133);

6. Rat id-digriet taghha datat it-13 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet awtorizzat lill-istess biex jittrattaw l-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 259);

7. Rat in-noti tar-rikorrenti rispettivament datati l-21 ta' Novembru, 2016, u dik kurjalment awtorizzata datata l-31 ta' Lulju, 2017, (ara foll 134 u 260), flimkien ma dik sottomessa mill-intimati rispettivament datati l-5 ta' Dicembru, 2016, u dik ukoll kurjalment awtorizzata datata l-25 t'Ottubru, 2017, (ara foll 141 u 279);

8.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri datata l-25 t'Ottubru, 2017, li permezz taghha l-intimati issottomettew ukoll is-segwenti risposti, (ara foll 295):

8.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti;

8.2. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma insosstenibbli *stante* li z-zewg (2) azzjonijiet minnhom invokati, senjatament l-*actio finium regundorum* u l-*actio rei vindicatoria* huma distinti u inkompatibbli minn xulxin;

9. Semghet lix-xhud riprodott;

10. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti flimkien mar-relazzjoni peritali tal-abbli espert tekniku appuntata espressament fir-rigward;

11. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi l-fatti li ghalhekk taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti;

12.1. Illi r-rikorrenti xtraw porzjon art diviza mill-art maghrufa bhala Ta' Mrejna, Triq Ghajn Tuffieha, limiti tal-Imgarr liema porzjon art hi indikata bhala Plot Numru 5, (ara foll 5 u 7);

12.2. Illi l-istess porzjon art indikat fil-paragrafu precedenti hi tal-kejl superficjali ta' madwar tlieta u hamsin (53) metru kwadru, (ara foll 7, 14, 15 u 57);

12.3. Illi l-istess porzjon art in dizamina hi sitwata kif indikat fl-istess kuntratt ta' kompra-vendita *in atti* tan-Nutar Dottor Tonio Spiteri datat id-29 ta' Lulju, 1994, (ara foll 5);

12.4. Illi l-intimata Farrugia min-naha taghha akkwistat b'donazzjoni porzjon art diviza mill-art maghrufa Ta' Mrejnu, Triq Ghajn Tuffieha, limiti tal-Imgarr, liema porzjon art pero` hi indikata bhala *Plot* Numru 4, (ara foll 8);

12.5. Illi permezz tas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Luigi Camilleri *nomine et* vs Maria mart Carmelo Gatt**, datata l-**4 ta' Gunju, 1993**, l-istess qorti adottat il-pjan ta' divizjoni kif imhejji mill-perit Lawrence Gatt, (ara foll 43 u 52);

12.6. Illi jirrizulta li l-awturi tar-rikorrenti kienu akkwistaw il-Plottijiet Numru 4 u 5 kontigwi ghal xulxin permezz ta' att ta' divizjoni datat il-25 ta' Gunju, 1994, (ara foll 16), *in atti* tan-Nutar Dottor Angelo Vella;

Ikkunsidrat:

13. Illi kif jirrizulta mill-paragrafu numru 3 tar-relazzjoni tal-perit tekniku nominata *in atti*:

> "... d-dizgwid inholoq mill-kuntratt ta' divizjoni datat 25 ta' Gunju, 1994, ... peress li ... *plot* numru erbgha (4) fuq l-annessa pjanta, Dokument 'F' kellha kejl ta' circa ... 241.5m$^2$ u dik ta' *plot* numru hamsa (5) fuq l-annessa pjanta, Dokument 'F' kellha kejl ta' circa ... 187m$^2$. Igiefieri, ghalkemm qed jaghmel referenza cara ghal pjanta 'Dok. F' u referenza cara ghal *plots* murija bhala *plot* numru 4 u 5 fuq il-pjanta, fl-istess hin qed jikkwota cifri ta' kejl li ma jaqblu xejn mat-tlieta u hamsin qasba kwadra, (53 q.k.), li hemm indikata fil-pjanta, ekwivalenti ghal mitejn tnejn u tletin punt sebgha metri kwadri, (232.7 m.k.), (ara foll 168)";

14. Illi ghalhekk jirrizulta li l-pjanta u l-kejl indikati fl-imsemmi kuntratt ma jaqblux;

15. Illi konsegwentement, kif indikat fil-paragrafu 6 tar-relazzjoni peritali fuq riferita, (ara foll 169), fil-kuntratt tal-intimati datat iz-17 ta' Marzu, 2011, (ara foll 8), gie indikat li l-*plot* taghhom hu ta' 232 m.k., (ara foll 8), u b'hekk jirrizulta qbil mal-pjanta tar-Registru tal-Artijiet;

Ikkunsidrat:

16. Illi jirrizulta li sussegwentement l-intimata Paulina Farrugia applikat ghall-korrezzjoni tal-kuntratt ta' donazzjoni u applikat mal-Awtorita` tal-Ippjanar fuq "*footprint*" akbar;

17. Illi l-intimati jippretendu li l-kliem fil-kuntratt ta' divizjoni in dizamina ghandu jitqies fis-sens li l-partijiet ftehmu li l-*plot* li sussegwentement ghadda ghandha ghandu jkun akbar minn dak stabbilit bis-sentenza datata l-4 ta' Gunju, 1993, (ara foll 43);

Ikkunsidrat

18. Illi din il-procedura hi l-***actio finium regundorum*** u hi intiza biex tirrizolvi kwistjonijiet rigwardanti l-estensjoni tad-dritt tal-proprjeta`;

19. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghall-artiklu 325 tal-Kap 16 li jistipula s-segwenti:

> "Kull sid jista' jgieghel lill-gar jaghmel, bi spejjez komuni, sinjali li jidhru u li jibqghu, biex juru l-limiti tal-fondi taghhom li jmissu ma' xulxin";

20. Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Maria Dolores Debono *et* vs Joseph u Maria Concetta konjugi Grech** datata t-**28 t'April, 2003**, li f'dan ir-rigward tghid is-segwenti:

> "L-azzjoni in diskussjoni ghalhekk ittendi biex telimina l-incertezzi tad-demarkazzjoni bejn zewg fondi u taghmel is-sitwazzjoni ta' fatt kompatibbli ghal dik tad-dritt. Fi kliem iehor ghandha bhala skop u finalita` taghha d-determinazzjoni oggettiva tal-fond u l-accertament ta' l-estensjoni tad-dritt;

> "Kif rilevat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Albert Mizzi *nomine* vs Rita Azzopardi *nomine***", **Appell**, **27 ta' Marzu 1996**, "l-'*actio finium regundorum*' hi azzjoni li tista' tigi tentata b'success biss fil-kazijiet fejn jirrizulta li hemm xi dubju dwar il-konfini bejn proprjeta` u ohra". Ara wkoll decizjoni a **Vol. XXXVIII P I p 218**;

> "L-azzjoni ghalhekk tippresupponi l-incertezza jew id-dubju tal-konfini. Incertezza li tista' tkun oggettiva jew soggettiva. Oggettiva fis-sens fejn ma jkunux jezistu sinjali apparenti cari; soggettiva, fil-kaz li l-attur ikun irid jelimina l-konflittwalita`, bhal f'dan il-kaz hawn trattat, jew biex jevita l-possibilita` ta' uzurpazzjoni ta' xi parti mill-art tieghu. Ir-rizultat ta' indagini hi wahda purament dikjarattiva ta' accertament;

> "Jinghad ukoll bhala materja ta' dritt illi f'din ix-xorta ta' azzjoni l-principju risalit ghad-dritt Ruman – "***actore***

***non probante reus absolvitur*** – ma japplikax. Dan ghaliex iz-zewg kontendenti ghandhom l-oneru li jippruvaw l-estensjoni tal-fond rispettiv taghhom;

"Il-prova tista' ssir bi kwalunkwe mezz";

Ikkunsidrat:

21. Illi ghalhekk, l-iskop tal-azzjoni odjerna hi biex bl-ghajnuna tal-perit tekniku fuq indikata espressament nominata ghal dan il-ghan, tkun tista' tigi stabbilita d-delineazzjoni tal-"*plots*" in dizamina;

22.0. Illi l-istess perit tekniku wasslet ghall-konkluzjonijiet taghha kif minnha delineati a foll 170, u sintetikament stabbiliet is-segwenti:

22.1. Illi skont is-sentenza datata l-4 ta' Gunju, 1993, fuq gia` riferita, (ara foll 43), l-art meritu tal-procedura odjerna kellha tinqasam ugwalment fi tliet (3) setturi, bil-kejl tal-faccata tal-istess ikunu indaqs;

22.2. Illi kien car li l-kejl indikat fil-kuntratt tan-Nutar Dottor Angelo Vella kien indikat hazin fil-kitba u/jew fil-konverzjoni minn qasab kwadri ghal metri kwadri;

22.3. Illi konsegwentement il-plottijiet numru 4 u 5 kellhom ikunu ta' kejl indaqs, senjatament ta' circa 53 qasba kwadra ekwivalenti ghal 232.73 metri kwadri;

22.4. Illi l-imsemmija plottijiet ghandhom allura jigu desinjati kif jidhru fil-pjanta ippreparata mill-imsemmija abbli espert tekniku *de quo* b'faccata ta' 10.35 metru kull *plot*, (ara foll 202);

Ikkunsidrat:

23. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell (Superjuri)** fl-ismijiet **Joseph Calleja *nomine* vs. John Mifsud**, datata z-**19 ta' Novembru, 2001**, li irriteniet is-segwenti:

Gie infatti ritenut minn **din il-Qorti** fil-kawza **John Saliba vs Joseph Farrugia** deciza fit-**28 ta' Jannar 2000** illi:

> "Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-qorti. Il-qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero`, huwa ritenut minn dawn il-qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-qorti billi l-qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolineat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kienitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika";

24. Illi ssir ukoll referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **Paul Grech et vs. Lawrence Grech *et***, datata l-**25 ta' Settembru, 2003**, li irriteniet li:

> "Illi bil-ligi u b'harsien tal-massima *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula imressaq minnu mhumiex semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx

> irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher soddisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli";

Ikkunsidrat:

25. Illi in vista tal-premess jigi sottolineat li l-qorti odjerna mhix ser twarrab l-opinjonijiet dotti ta' perit tekniku b'mod legger jew kapriccuz;

26. Illi din il-qorti ma jirrizultala xejn li jistghu jwassluha ghal konkluzjoni li l-konkluzjonijiet li wasslet ghalihom l-istess espert tekniku ma humiex ben sostenuti u essenzjalment gusti;

27. Illi ghalhekk tiddikjara li qeghda taghmel taghha l-istess konkluzjonijiet tal-imsemmija perit tekniku *de quo*;

28. Illi konsegwentement tiddikjara wkoll li l-istess konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu akkolti minn din il-qorti anke fuq l-iskorta ta' dak ritenut mill-**Qorti tal-Appell (Superjuri**) fil-kawza fl-ismijiet **Benjamin Camillieri *nomine* vs. Charles Debattista *nomine***, datata d-**9 ta' Frar, 2001**:

> "F'cirkostanzi bhal dawn ikun prezuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghall-konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati";

Ikkunsidrat:

29. Illi in vista tal-premess u tenut kont tal-konkluzjonijiet peritali fuq riferiti, din il-qorti hi konvinta li l-"*plots*" numru 4 u 5 hawn in dizamina ghandhom jirriflettu s-sentenza datata l-4 ta'

Gunju, 1993, u ghalhekk is-segregazzjoni u l-istabbiliment tal-konfini tal-proprjetajiet rispettivi ghandhom ikunu kif deklinat ukoll l-istess abbli perit tekniku fil-pjanta taghha, (ara foll 202);

Ikkunsidrat:

30. Illi tiddikjara wkoll li m'hemm bzonn jinghad xejn aktar dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimati datata l-25 t'Ottubru, 2017, (ara foll 295), *stante* li t-talba tal-istess intimati li jressqu eccezzjonijiet ohra kienet debitament respinta l-ewwel permezz tad-digriet taghha datat is-27 t'Ottubru, 2017, (ara foll 271), u sussegwentement respinta mill-gdid permezz tad-digriet taghha datat is-7 ta' Novembru, 2017, (ara foll 300);

Ikkunsidrat:

31.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ippruvaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

31.1. Takkolji t-talbiet tar-rikorrenti;

31.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;

31.3. Tiddikjara li r-rikorrenti huma proprjetarji ta' porzjon diviza mill-art, (*plot* Numru 5), Ta' Mrejnu, Triq Ghajn Tuffieha, limiti tal-Imgarr, tal-kejl ta' madwar 53 qasba kwadra kif indikata mill-abbli espert tekniku nominata f'din il-procedura;

31.4. Tiddikjara li l-intimati m'ghandhom l-ebda jedd jinvadu l-proprjeta` tar-rikorrenti fuq indikata;

31.5. Tiddikjara wkoll li l-intimati m'ghandhomx dritt jaghmlu kwalsiasi xogholijiet fosthom, skavar u/jew kostruzzjoni, fl-istess proprjeta`;

31.6. Tordna s-segregazzjoni u l-istabbiliment tal-konfini bejn il-proprjetajiet rispettivi, u dan skont il-konkluzjonijiet tal-abbli perit tekniku nominata *in atti* fir-rigward, (ara foll 170 u 171, u 202);

31.7. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat promotur kontra l-intimati.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**